MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Numru. 157/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**AUDREY BUTTIGIEG**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata **AUDREY BUTTIGIEG** bint George u Vincenza nee` Refalo imwielda nhar it-23 ta' Lulju 1976 u residenti 'Dar Buttigieg', Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xaghra, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita` numru 20376(G) giet mressqa quddiemha akkuzata talli fis-sebgha ta' Frar 2004 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar w s-segbha ta' filghaxija u fix-xhur ta' qabel, bhala l-persuna li f'isimha ghandha licenzja biex izzomm

il-hanut bl-isem ta’ “Rubble Snack Bar” li jinsab fi Pjazza Vittorja, Xaghra, Ghawdex, poggiet jew ippermettiet li jitpoggew imwejjed u ghamara ohra fi spazju minn aktar minn dak li huwa allokat lilha fil-licenzja taghha, fuq barra ta’ l-imsemmi stabbiliment li huwa wiehed turistiku u dan minghajr licenzja mill-Awtorita tat-Turizmu ta’ Malta, bi ksur ta’ l-Avviz Legali 128/02, artikolu 15(1) Kap 409.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin t’April 2004 fil-presenza tal-avukat difensur taghha.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-avukat difensur tal-imputat presentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tletin ta' April 2004;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata hija akkuzata li zammet imwejjed fi Pjazza Vittorja, Xaghra, Ghawdex minghajr licenzja mill-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta.

Illi skond l-legislazzjoni sussidjarja 128/01 li tohrog mir-regolamenti dwar il-licenzji tal-Pulizija, fl-artikolu 25(a) insibu li bniedem irid jhallas licenzja "ghal tqeghid ta' mejda u siggijiet mhux izjed minn erbgha f'art pubblika fis-sena…"

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax kemm il-siggu kellha barra l-imputata pero stante l-ammissjoni taghha, il-Qorti ghandha tifhem li kellha aktar minn erbgha siggijiet fi Pjazza Vittorja, Xaghra, sabiex tigi kunsidrata li hija agixxiet minghajr il-permess relattiv.

Issa dawn ir-regolamenti dwar il-licenzja tal-Pulizija LN 128/01, jemenaw mill-artikolu 3(1) tal-Kap 128, li huwa l-Att principali dwar il-licenzji tal-Pulizija.
Issa skond l-artikolu 3(1)(h) tal-Kap 128, minn jikser xi regolament maghmul taht dan l-Att, jehel il-piena ta' kontravenzjoni msemmija fil-Kodici Penali.

Illi ghalhekk, bir-rispett kollu, dak kollu li l-avukat difensur qal dwar l-applikazzjoni, jew ahjar interpretazzjoni, li din il-Qorti ghandha taghti lil artikolu 43 tal-Kap 409, m'ghandux x'jaqsam ghal kaz in ezami, stante li ma hiex il-ligi li tahtha l-imputata giet akkuzata, kif del resto gie ndikat mill-Prosekuzzjoni b'mod erronju.

Illi il-Qorti rat wkoll r-ragunijiet moghtija mill-avukat difensur 'l ghala din il-Qorti ghandha tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9. Illi dak sottomess fil-paragrafi markati 'c' u 'd' ma japplikax ghal kaz in ezami ghalkemm l-paragrafi 'a', 'b' u 'e' japplikaw in toto.

Illi ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi in partikolari l-artikolu 25(c) tal-Avviz Legali 128/2001 u l-artikolu 3(1)(h) tal-Kap 128 tal-Ligijiet ta' Malta, **il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputata AUDREY BUTTIGIEG hatja tal-akkuzi fuq ammissjoni taghha stess u tikkundannaha ghal amenda ta' hmistax il-lira Maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------